# IL-QARI TAL-BANDU

Insellmilkom għeżież ħbieb tiegħi Maltin. Bil-jedd kollu lili mogħti mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u taħt il-padrunanza ta' San Ġwann l-Għammiedi, nitlob l-attenzjoni ta' kull wieħed u waħda minnkom hawn miġbura f'din il-binja kbira u hekk sabiħa. Jiena l-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, Fra Manuel Pinto da Fonseca, li bħalissa qed naħkem il-gżira nobilissima tagħkom, Malta. Dan l-aħħar għadni kif nagħti l-għażiż ismi lir-raħal ta' Ħal Qormi u hekk minn issa 'l quddiem dan jista' jibda jissejjaħ Città Pinto. Ninsab kburi b'dan ir-raħal speċjalment lejn in-numru ta' furnara li ta' kuljum b'għaqal kbir jaħmu u jagħtuna l-ħobża ta' kuljum.

Illum il-Ġimgħa 21 ta' Novembru tas-sena tal-Mulej, 2014 nixtieq nilqa' lilek Sur Edgar Preca f'din l-iskola sekondarja fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju. Kif għadni kemm nistqarr ma nistgħux nifirdu l-belt li ġġib ismi mill-ħobża Maltija, ħobża bnina li għamlet unur kbir lil pajjiżna u li ta' kuljum il-poplu Malti jitrejjaq biha. Għalhekk Sur Preca nitolbok tiddikjara miftuħa din il-festa tal-ħobż. Dan kollu qed isir biex l-istudenti ħabrieka ta' din l-iskola jkunu jafu bl-importanza tal-ħobża maltija, il-bżonn nutrittiv tagħha u fl-istess ħin jinġabru fondi għall-Istrina. Qabel nispiċċa dan l-avviż ċkejken ma nistax ma nsellimx u nirringrazzja minn qalbi lis-Sur Nenu Debono, furnar Qormi li mertu tiegħu qegħda ssir din l-attività.

Is-sliem u l-barka lilkom ilkoll.